MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 991/1999/1

**Keith Caruana**

**vs**

**Debbie Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 t’April 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-30 ta’ Lulju 1996 Keith Caruana kien qed isuq fuq il-mutur EAD – 353 Piaggio go Triq it-Trunciera, Qawra, meta ghall-habta tat-3:30 p.m. Debbie Borg li kienet qed issuq il-vettura DEB – 123 kisret ghal fuq il-lemin u nvadiet il-karreggjata ta’ l-esponenti u sehh incident fejn l-esponent sofra diversi danni fosthom dizabilita’ permanenti.

Illi l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ segwitu ta’ regolamenti meta daret fuq lemin minghajr ma hadet id-dovuti prekawzjonijiet.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b’rizultat ta’ l-istess sofra Keith Caruana;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundannaha thallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata llum indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 13 tal-process;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Novembru 1999 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-partijiet.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 8 ta’ Frar 2000 fejn talab lill-Qorti tawtorizza n-notifika wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha mill-istess Qorti b’digriet tad-9 ta’ Frar 2000.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Frar 2000 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace tat ruhha b’notifikata ghall-attur bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-22 ta’ Marzu 2000 fejn talab l-awtorizzazzjoni biex jinnotifika lill-konvenuta permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-23 ta’ Marzu 2000 fejn laqghet it-talba b’dan li tali notifika ssir *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Rat il-verbal tal-5 t’April 2000 fejn deher Dr. Mark Chetcuti ghall-konvenuta li ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-10 t’April 2000 a fol. 27 tal-process, fejn gie eccepit:-

1. Illi hi llum mizzewga lil Morris Busuttil.

2. Illi n-notifika tac-citazzjoni saret bil-forma ta’ l-affissjoni fir-residenza tal-genituri taghha fejn hi ma ghadhiex tirrisjedi, pero’ ghal kull *buon fini* qed taghti ruhha b’notifikata.

3. Illi fil-mertu l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta’ l-attur minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolament tat-traffiku meta l-istess attur ghamel manuvra perikoluza minghajr attenzjoni u prekawzjonijiet.

4. Illi konsegwentement it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 28 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** rikonvenzjonanti datata 10 ta’ April 2000 a fol. 29 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-30 ta’ Lulju 1996, fi Triq it-Trunciera, Qawra, il-konvenuta Debbie Borg illum Busuttil, waqt li li kienet wieqfa fil-vettura taghha DEB – 123, fil-*lane* ta’ barra sehh incident meta l-attur li kien qed isuq mutur Piaggio EAO – 353 ipprova jissorpassa minn warajha u min-naha hazina

tat-triq, u sehh incident fejn l-esponenti sofriet danni fil-vettura taghha.

Illi dan l-incident sehh minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti ta’ l-attur rikonvenzjonat.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonanti talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-attur Keith Caruana responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

2. Tillikwida d-danni li sofriet Debbie Busuttil fil-vettura taghha DEB – 123.

3. Tikkundanna lil Keith Caruana jhallas dik is-somma hekk likwidata *in linea* ta’ danni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bl-ingunzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Gunju 2000 u tal-11 ta’ Lulju 2000 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace tat ruhha b’notifikata ghall-attur bil-kontro-talba tal-konvenuta u rtirat kopja ta’ l-istess mill-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat tal-25 ta’ Lulju 2000 a fol. 39 tal-process, fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet ta’ Debbie Borg issa Busuttil ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontriha in kwantu li l-incident awtomobilistiku sehh unikament tort taghha stess meta daret fuq il-lemin minghajr ma hadet id-dovuti prekawzjonijiet u b’hekk isegwi li m’hemm l-ebda responsabbilta’ li ghandha tigi attibwita lil Keith Caruana *in linea* ta’ danni.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur rikonvenzjonat a fol. 40 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2000 fejn xehed **PS 1393 Carmel Azzopardi**. Inghata digriet affidavit ta' l-attur b'terminu ta' erbghin (40) gurnata.

Rat in-nota ta' l-attur **Keith Caruana** tas-6 ta' Frar 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta' **Emanuel *sive* Lino Grech**, u tal-genituri tieghu **Ruth** u **Alexander Caruana**.

Rat in-nota ohra ta' l-attur ukoll datata 6 ta' Frar 2001 fejn biha esebixxa kopja ta' zewg korrispondenzi tieghu ma' Laferla Insurance Agency Ltd. rigwardanti l-kaz, flimkien ma' xi rcevuti dwar il-mutur u ohrajn medici li jammontaw ghal mitejn u disgha u erbghin lira Maltin (Lm249).

Rat il-verbali tas-6 ta' Marzu 2001; tal-24 ta' Mejju 2001 fejn id-difensuri obbligaw ruhhom li fi zmien ghaxart ijiem jipprezentaw nota konguntiva fejn permezz taghha jindikaw lill-Qorti isem ta' espert newrologiku.

Rat in-nota msemmija tal-partijiet fejn issuggerew lil Dr. Norbert Vella bhala espert newrologiku.

Rat il-verbal tat-12 ta' Lulju 2001 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace talbet korrezzjoni fin-numru ta' registrazzjoni tal-mutur kif indikat fic-citazzjoni attrici, b'dan li l-ittra "O" tigi sostitwita bl-ittra "D". Dr. Mark Chetcuti ghall-konvenuta ma opponiex, u ghaldaqstant il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li ssir il-korrezzjoni rikjesta. Dr. Chetcuti ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Xehed in-**Nutar Pierre Falzon**. Inghata digriet, fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Mediku lil Dr. Norbert Vella biex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-allegata dizabilita' permanenti tieghu. Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-attur iddikjarat li f'dan l-istadju m'ghandhiex provi izjed. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' hamsin gurnata.

Rat in-nota ta’ l-attur tat-13 ta’ Lulju 2001 fejn indika l-indirizz ta’ l-espert mediku.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 20 ta’ Lulju 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenuta tas-7 t’Awissu 2001 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Charles Bezzina.

Rat il-verbali tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti rrimettiet lura r-rapport lill-Perit Mediku, u ordnatlu sabiex jezamina lill-attur (li aktar qabel ma zammx l-appuntament li kellu mieghu) u wara li jsiru tali testijiet necessarji jissottometti rapport komprensiv; tal-21 ta’ Frar 2002 fejn xehdu **PS 1393 Carmel Azzopardi** u l-konvenuta **Debbie Borg**; tat-18 t’April 2002 fejn xehed **Charles Bezzina**; tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn xehed l-attur **Keith Caruana**; u tat-23 t’Ottubru 2002 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace talbet in-nomina ta’ Espert Psikjatriku. Dr. Mark Chetcuti rriserva l-pozizzjoni tieghu wara li jara r-rapport ta’ Espert Newrologu.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 27 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ **Emanuel Grech**.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tas-16 ta’ Dicembru 2002 fejn talbet li l-affidavit ta’ Emanuel Grech jigi sfilzat mill-atti tal-kawza.

Rat ir-risposta ta’ l-attur u d-digriet sussegwenti tad-9 ta’ Jannar 2003 fejn laqghat it-talba u ordnat l-isfilz ta’ l-imsemmi affidavit.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Jannar 2003 fejn il-Perit Mediku Dr. Norbert Vella kkonferma r-rapport tieghu bil-gurament. Dr. Yana Micallef Stafrace nsistiet li jinhatar Espert Psikjatriku. Dr. Mark Chetcuti ghall-konvenuta oppona ghal tali nomina. Il-Qorti laghat it-talba attrici u nnominat lil Dr. Joseph Cassar bhala Espert Psikjatriku sabiex wara li jiehu konjizzjoni tar-rapport newrologiku jirrelata a spejjez attrici.

Rat ir-rapport mediku ta’ Dr. Norbert R. Vella a fol. 192 sa 195 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 16 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha nforma lill-Qorti li jhossu aggravat bir-rapport tal-Perit Newrologu u ghalhekk talab in-nomina ta’ tliet periti addizzjonali.

Rat il-verbali tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti ssollecitat lill-attur sabiex permezz ta’ nota ohra jindika hux ser jinsisti ghal nomina ta’ periti addizzjonali; u tad-9 t’Ottubru 2003 fejn l-Espert Psikjatriku Dr. Joseph Cassar ikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament.

Rat ir-rapport psikjatriku ta’ Dr. Joseph Cassar a fol. 202 sa 215 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 24 t’Ottubru 2003 infurmat lill-Qorti li wara fatti li ma kienux a konjizzjoni taghha hlief wara li nhareg ir-rapport, talbet li tigi awtorizzata ttella’ jixhdu lill-attur u lil ommu Ruth Caruana, *stante* li l-provi rizultanti jistghu jinfluwixxu fuq il-mertu tal-kawza.  L-istess konvenuta talbet ukoll li teskuti lill-Perit Psikjatriku u fl-istess waqt esebiet d-domandi taghha.

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar 2004 fejn il-Qorti laqghat it-talba limitatament rigwardanti l-eskussjoni tal-perit psikjatriku u ordnat li dawn id-domandi jigu notifikati lilu.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn b’referenza ghar-rikors fuq imsemmi tal-konvenuta datat 24 t’Ottubru 2003 talab aktar zmien ghall-eventwali risposta *stante* li d-difensur Dr. Yana Micallef Stafrace kienet ghal xi zmien indisposta.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn laqghat it-talba u estendiet it-terminu ghar-risposta b’sebat ijiem ohra.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 2 ta’ Dicembru 2003, intavolat in segwitu rikors iehor tal-konvenuta tal-24 t’Ottubru 2003 fejn talab li l-konvenuta ma tithalliex taghmel domandi

spekulattivi lill-espert psikjatriku. Talab ukoll li huwa (l-attur) jinghatalu d-dritt li jtella' bhala xhieda lil Fr. Alex Cordina u lil Dr. Adrina Vella, kif ukoll li jigu sfilzati x-xhieda moghtija quddiem l-espert psikjatriku, inkluzi dawk ta' esperti ohra li x-xhieda taghhom ma nghatatx bil-gurament u skond kif tirrikjedi l-ligi, u sabiex il-konkluzjoni peritali tittiehed f'dan il-kuntest.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 16 ta' Frar 2004 fejn laqghat biss it-tieni talba, filwaqt li b'referenza ghall-ewwel talba ordnat li d-domandi in eskussjoni ghandhom isiru skond il-ligi.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2004 fejn Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-attur izzomm riservata li tirregola l-pozizzjoni taghha fuq Dr. Anna Cassar u fuq il-konkluzjoni taghha fir-rapport *stante* li n-nomina taghha ma saritx mill-Qorti. Il-Qorti nnominat lil Dr. Vincent Galea sabiex jisma' x-xhieda kollha awtorizzati mid-digriet taghha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-istess Dr. Vincent Galea.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 t'April 2004 fejn Dr. Anglu Farrugia li assuma l-patrocinju ta' l-attur irrinunzja ghax-xhieda ndikati fir-rikors tat-2 ta' Dicembru 2003; tal-21 t'Ottubru 2004; tat-3 ta' Marzu 2005 fejn xehed bil-gurament l-espert psikjatriku Dr. Joseph Cassar prodott in eskussjoni mill-konvenuta. Il-Qorti fuq talba tad-difensuri prefiggiet terminu sa l-ahhar t'April 2005 lill-attur sabiex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sa l-ahhar ta' Mejju 2005 ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 11 ta' April 2005 pprezentata bil-visto ta' Dr. Angelo Farrugia.

Rat in-nota ta' l-attur datata 2 ta' Mejju 2005 ukoll ipprezenta bil-visto ta' Dr. Mark Chetcuti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) MERTU TAL-KAWZA.

Illi din hija kollizjoni li grat fi Triq it-Trunciera, Qawra bejn mutur Piaggio, Reg. Nru: EAD – 353 misjuq mill-attur u l-karozza Reg. Nru: DEB – 123 misjuqa mill-konvenuta. B'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur jallega li sofra diversi danni fosthom dizabilita' permanenti u dan tort unikament tal-konvenuta.

Illi l-konvenuta min-naha taghha tichad li l-incident sar tort taghha, anzi eccepiet li l-incident sehh tort ta' l-attur minhabba li ghamel manuvra perikoluza minghajr attenzjoni u prekawzjonijiet. Hija pprezentat kontro-talba fejn qed titlob minghand l-attur id-danni li sofriet fil-vettura taghha.

Illi l-attur eccepixxa ghall-kontro-talba tal-konvenuta li m'hemm l-ebda responsabbilta' li ghandha tigi attribwita lilu u b'hekk m'hemm l-ebda danni li jridu jigu likwidati.

### (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI – RESPONSABBILTA' TA' L-INCIDENT.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu rigward id-dinamika ta' l-incident xehed is-segwenti cjoe' li kien qed isuq tul it-triq wiesgha lejn in-naha ta' Fra Ben. Huwa qal *"Quddiemi kien hemm Jeep kbira li kienet ukoll issuq bil-mod aktar minni. Hsibt li naqbizha halli mbaghad indur mar-roundabout … Ghamilt is-sinjal u kont wasalt kwazi f'nofs il-Jeep b'ras il-mutur meta tal-Jeep dar fuqi minghajr sinjal"* (a fol. 58 tal-process). In kontro-ezami xehed li ma jiftakarx li quddiemu kien hemm vann abjad. Huwa qal li kien se jaqla' l-*Jeep*, wasal sa nofsha u kisret fuqu f'daqqa. Huwa ma jidhirlux li f'xi hin naqqas jew waqaf. Din ghalhekk hija t-tezi ta' l-attur.

Illi l-konvenuta xehdet *"Kont qed insuq fil-lane ta' barra bi speed moderat. It-triq li kont fiha hi wiesgha hafna u twila. Il-parti li kont insuq fiha jien hi dritta ghal distanza konsiderevoli. Fuq il-lane ta' gewwa kien hemm vetturi ohra ghaddejjin u jekk niftakar tajjeb mal-bankina tax-xellug tieghi kien hemm karozzi pparkjati … Kif kont qed navvicina d-drive tad-dar tieghi li kienet fuq il-lemin tieghi, jien xghelt l-indicator tal-lemin u bdejt nirralenta. Harist warajja u kien hemm vann abjad x'aktarx tal-ghamla Toyota. Il-vann ta' warajja wkoll irralenta. Jien wasalt bil-mod faccata tad-dar tieghi, angolajt ftit il-vettura lejn il-lemin bl-indicator mixghul u waqaft. Ta' warajja waqaf ukoll. Mill-faccata tieghi kienu gejjin il-karozzi u ghalhekk ma stajtx naqsam"* (a fol. 90 tal-process). Hija kompliet *"Jien lill-attur fl-ebda hin ma rajtu gej. Kont ghadni wieqfa nistenna l-karozzi mill-faccata jghaddu meta kif appena ghaddietni Jeep hamra tal-kiri mill-faccata tieghi hassejt daqqa mal-quddiem tal-Jeep bejn il-bieba u l-mera"* (a fol. 90 tal-process). Hija xehdet ukoll li *"nonostante l-incident il-vetturi baqghu ghaddejjin fuq iz-zewg nahat tat-triq"* (a fol. 90 tal-process). Din ghalhekk hija t-tezi tal-konvenuta.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino"** deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet:-

*"… f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u mmedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jippervjeni l-incidenti."*

Illi hawnhekk issir referenza ghar-**regola Nru 71 tal-Highway Code** li tghid li:-

*"Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to others. Be specially careful at dusk and in the mist, when it is more difficult to judge speed and distance."*

Illi ghalhekk minhabba dan din il-Qorti xorta ser taghmel ezami taz-zewg verzjonijiet tal-partijiet fil-kawza, u huwa ovvju li f'kaz ta' zewg verzjonijiet li huma differenti min xulxin, il-Qorti trid timxi kemm fuq dak li mix-xhieda jirrizulta li huwa kkorroborat u allura kkonfermat minn xhieda ohra, kif ukoll fuq dak li huwa verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz, *stante* li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni. Dan gie ritenut diversi drabi, inkluz fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Delia vs Robert Magro"** (P.A. (RCP) 22 ta' Jannar 2002.

Illi jinghad mill-ewwel li l-verzjoni tal-konvenuta hija ferm aktar verosimili minn dik li ta l-attur dwar id-dinamika ta' l-incident. Fl-ewwel lok jigi rilevat li tezisti diskrepanza bejn dak li l-attur iddikjara lis-surgent dwar l-incident u dak li xehed fl-affidavit u in kontro-ezami. B'hekk wiehed ma jistax ma jigix f'dubju liema minn dawn il-verzjonijiet hija veritiera. F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tirreferi ghax-xhieda li ta s-Surgent PS 1393 Carmel Azzopardi fit-8 ta' Novembru 2000 fejn qal li meta huwa kellem lill-attur, dan qabel mal-verzjoni ta' l-incident li kienet tatu l-konvenuta *"a tempo vergine"* ezatt wara l-incident. Meta kellem lill-attur, zmien wara l-incident dan ix-xhud qal hekk:-

*"Max-xufier tal-Piaggio tkellimt u dan pres a poco kien qalli l-istess."* (fol.46 b)

Illi dan gie kkonfermat meta l-istess Surgent kien qed jirripondi ghall-kontro-ezami maghmul lilu minn Dr. Mark Chetcuti fl-istess data ta' l-isemmija xhieda. Hawn il-Qorti qed taghmel riferenza ghax-xhieda li nghatat a fol. 46 tal-process fejn jinghad:-

*"Dr. Mark Chetcuti: Ejja nibdew minn dak li qallek tal-mutur, Caruana, meta ghidt li qallek preciz l-istess diskors pres a poco l-istess diskors li qaltlek hi, mela ara naqblux*

*(1) illi kien hemm karozza wieqfa f’nofs it-triq lesta biex taqsam in-naha l-ohra?*

*Xhud:  Sewwa.”*

*Dr. Mark Chetcuti:*
*Kien hemm karozza ohra warajha wieqfa, u hu ssorpassa l-karozza l-wieqfa u sab il-karozza l-ohra f’nofs it-triq u dahal go fiha”.*

*Xhud:*
*Sewwa”.*

Illi fl-okkorrenza esebita mill-istess Surgent a fol. 50 tal-process jinghad li:-

*“minn stharrig li sar irrizulta li x-xufier tal-vetttura DEB – 123 kienet wieqfa fi Triq it-Trunciera lesta biex iddur god-dahla tal-fond Mandarl bl-indicator tal-lemin jixghel u vettura ohra wara tistenna lil din il-vettura tidhol fid-dahla msemmija meta minn wara gie mutur EAD – 353 li qala’ minn barra u sab il-vettura DEB – 123 wieqfa quddiemu.”*

Illi jidher pero’ li fl-affidavit tieghu tas-6 ta’ Frar 2001 huwa biddel il-verzjoni tieghu fejn hemm jghid li kien qed jaghmel sorpass meta l-konvenuta daret ghal fuqu minhajr sinjal – fol. 58.  Ma hemm l-ebda dubju li hemm inkonsistenza fil-verzjoni li l-attur ta lis-Surgent tal-Pulizija wara l-incident meta mqabbla ma’ din il-verzjoni moghtija f’din il-kawza; verzjoni li fuq kollox lanqas taqbel ma’ dak li hemm indikat fl-okkorrenza tal-pulizija li ma jidhirx li l-attur oggezzjona b’xi mod dwarha, almenu ma’ l-istess pulizija u qabel il-kawza.

Illi ghalhekk jirrizuta li x-xhieda tal-konvenuta hija kkoroborrata minn mix-xhieda tas-Surgent P.S. 1393 dwar dak li gara fl-incident, u aktar preciz dwar dak li l-partijiet qalu lill-istess Surgent wara li sehh l-incident, il-konvenuta mill-ewwel u l-attur wara xi zmien meta huwa gie avvicinat mis-Surgent. Dwar dan l-osservazzjonijiet tal-konvenuta fin-nota ta’ l-osservazzjonijet taghha huma wkoll rilevanti.

Illi minn dan jidher li gie ppruvat li l-incident sehh meta l-konvenuta kienet wieqfa ghal nofs it-triq miksura fuq in-naha tal-lemin bl-*indicator* mixghul tistenna sabiex taqsam ghax kienu gejjin vetturi minn faccata. Warajha kien hemm vann abjad li waqaf ukoll u waqt li kienet ghadha wieqfa tistenna hasset daqqa mal-quddiem tal-*Jeep*. L-attur li kien miexi wara fl-istess direzzjoni tal-konvenuta meta ra l-vann abjad haseb li kien wieqaf – u dan skond ma kif qal lis-Surgent (a fol. 46 tal-process) – mar biex jaqla' normali u sab il-karozza tal-konvenuta skuntrata lejn in-naha tal-lemin. Il-fatt li ma rahiex u baqa' diehel go fiha hija ppruvata wkoll li m'hemmx *brakemarks* (a fol. 46 tal-process), li kieku raha zgur kien jipprova jieqaf. Dan jinsab kkonfermat mill-okkorrenza s-Surgent (a fol. 50 tal-process) kif gja' nghad u citat aktar 'il fuq.

Illi fit-tieni lok, il-verzjoni tal-konvenuta giet ukoll korroborata mix-xhud **Charles Bezzina** li kellu gabbana tal-gelati fit-triq in kwistjoni, u fil-hin ta' l-incident ma kellux nies. Huwa nfatti xehed b'referenza ghall-konvenuta *"Naf li ghaddietni u rajtha tieqaf faccata tad-drive tal-villa taghha ftit miksura lejn il-lemin taghha. Hi bilfors kellha tieqaf ghax dak il-hin kien ghaddej hafna traffiku u kellha traffiku ghaddej mill-faccata ta' fejn kienet wieqfa l-vettura ta' Borg u f'hin minnhom smajt daqqa qawwija u nhsadt."* Huwa xehed li lemah il-vettura tal-konvenuta fl-istess pozizzjoni li kienet meta raha fil-bidu bl-*indicator* tal-lemin jixghel u ra mutur lejn nofs it-triq. In kontro-ezami qal li l-habta huwa ma rahiex. Huwa kkonferma li l-karozza raha fil-pozizzjoni li hi muriha fl-*isketch* tal-pulizija. Wara l-incident, il-karozza li kienu gejjin mill-faccata xorta kienu qed jghaddu pero' kellhom inehhu l-*Jeep* ghax il-*coaches* ma setghux jghaddu minn warajha (a fol. 154 tal-process). Min-naha l-ohra t-traffiku baqa' ghaddej tant li anke l-ambulanza minn hemm giet.

Illi *inoltre* l-iskizz tal-Pulizija li kien *to scale* juri li l-konvenuta kienet f'nofs it-triq miksura lejn il-lemin bil-parti ta' wara fuq in-naha taghha tat-triq u l-parti ta' quddiem sal-bieba miksura fuq in-naha tat-triq fejn riedet taqsam.

Illi jidher ghalhekk li dan l-incident gie kkawzat minhabba traskuragni *da parte* ta' l-attur li ghamel manuvra ta' sorpass minghajr ma' ha l-prekawzjonijiet mehtiega u wkoll minghajr ma kien attent u jara dak li kien *in plain view* quddiemu. Dan jista' jkun dovut ghal diversi fatturi li rrizultaw waqt il-kawza, anke ghaliex l-istess attur kien espert fis-sewqan, u fil-fatt kien qed isuq bla licenzja tas-sewqan. Fil-fatt, skond ix-xhieda tieghu stess, kien qed jipprova mutur ta' siehbu li qatt ma ma saq qabel. B'hekk jista' korrettement jinghad li l-attur tassew kien inesperjenzat kif ukoll avventat fl-azzjonijiet tieghu.

Illi jidher li ghalhekk bis-sewqan tieghu tieghu l-attur ha riskju u pprova jissorpassa minn barra u fuq in-naha hazina tat-triq. Huwa ma zammx *a proper look out,* u baqa' diehel f'karozza li kienet wieqfa f'nofs it-triq, li huwa ghal xi raguni naqas li jara.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Illi minhabba li rrizulta li l-incident awtomobilistiku sehh tort tan-negligenza ta' l-attur, din il-Qorti se tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha dwar responsabbilta' ta' l-incident.

**<u>(iii) Likwidazzjoni ta' Danni.</u>**

Illi l-konvenut allegat li hija sofriet danni kawza ta' l-istess incident, u sostniet li l-hsarat li garrbet jammontaw b'kollox ghal elf, tliet mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,349.75).

Illi fil-fatt il-konvenuta pprezentat Dok. "C" u Dok. "D" (fol. 100 u 101 tal-process) li huma kontijiet tal-*parts, panel beating* u *spray painting.*

Illi l-istess xhieda u dokumenti ma gew bl-ebda mod kontestati u ghalhekk tali danni qed jigu likwidati bir-rizultat li l-attur ghandu jaghti lill-konvenuta l-ammont imsemmi, ta' elf, tliet mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,349.75) sabiex jaghmel

tajjeb ghall-hsarat fil-vettura taghha li sehhew minhabba tortijiet imputabbli lilu kif inghad aktar 'il fuq.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dak li jirrigwarda c-citazzjoni attrici, ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident awtomobilistiku bejn il-partijiet tat-30 ta' Lulju 1996 fi Triq it-Trunciera Qawra sar unikament minhabba negligenza u traskuragini u nuqqas ta' tharris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici a karigu ta' l-attur.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**kontro-talba tal-konvenuta,** ghal dawn l-istess motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-attur Keith Caruana responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni li sehh fit-30ta' Lulju 1996 fi Triq it-Trunciera, Qawra.

2. Tillikwida d-danni li sofriet Debbie Busuttil fil-vettura taghha fl-ammont ta' elf u tliet mija u disa' u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,349.75);

3. Tikkundanna lil Keith Caruana jhallas is-somma ta' elf u tliet mija u disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,349.75) *in linea* ta' danni lil Debbie Busuttil.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba wkoll a karigu ta' l-attur u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------